**Fil-Bord ta' l-Appell dwar it-Turiżmu**

**Fl-atti ta' l-Appell Numru 02/20**

**Oswald Caruana u Jerome Caruana**

**Vs**

**L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta**

Illum, 12 ta' Jannar 2021

Il-Bord, ra' l-*Administrative Fine Notice* tal-5 ta' Awwissu 2020 fejn l-Awtorità tat-Turiżmu imponiet multa amministrattiva kontra Oswald Caruana u Jerome Caruana fl-ammont ta' €2,329.37.

Ra n-nota ta' l-Awtorità tat-Turiżmu fejn qalqlet il-punt li dan il-Bord m'għandux ġuridizzjoni biex jismà dan l-Appell.

Rat in-nota ezebita mill-Awtorità tat-Turiżmu.

Semghet il-partijiet.

Ikkunsidrat.

Illi, meta ġiet imposta l-multa ta' l-Awtorità tat-Turiżmu fin-*notice* taghha kkwotat l-Artikolu 43(1)(b) u43(1)(d) tal-Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, l- l-Awtorità tat-Turiżmu hija tal-fehma li l-Appell kontra din il-multa għandha tiġi deċiza mil-Qorti tal-Maġistrati.

Illi, jiġi rilevat li l-Artikolu 43(2) tal- Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel referenza ghal 'Il-qorti', fejn dan is-subartikolu jagħmel referenza espressa ghas-subartikolu 43(1) fl-intier tiegħu.

Illi, is-subartikolu (4) ta' l-Artiolu 43 jindika li l-Qorti in-kwistjoni hi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) skont il-kas.

AM

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq indikati l-Bord jiddikjara li m'għandu ebda ġurisdizzjoni fuq dan l-Appell u għalhekk jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' dan l-Appell.

**Alexandra Mizzi**

**B.A., LL.M (Lond), LL.D**

**Madam Chairman**